# ISTITUT SOĊJO - KULTURALI SAN PAWL

L-Istitut Soċjo-Kulturali San Pawl ġie mwaqqaf fl-1979 minn Patri Joseph Cilia Ofm Conv. li kien ukoll l-ewwel Direttu tiegħu bil-kolloborazzjoni sħiħa w il-barka tal-Kappillan ta' dak iż-żmien.

L-Istitut huwa ffurmat minn Kunsill ta' disa' w immexxi mid-Direttur, il-lum Mrs Beatrix Zammit, u jiltaqa' kull meta jħoss il-bżonn. Għandu wkoll madwar mitt membru msieħbin. Kulħadd jista' jidħol membru.

Il-għan ta' dan l-Istitut, kif jixhed ismu huwa biex jgħin fl-iżvilupp nisrani, iħeġġeġ il-fidi u jkabbar il-Kultura Nisranija. L-Istitut jimmira li jkabbar u jxerred il-kultura fost ir-Residenti ta' San Pawl il-Baħar u jqajjem kuxjenza Pawlina.

Għaldaqstant minn kemm ilu mwaqqaf dejjem organiżża Ħarġiet Kulturali u Soċjali, kompetizzjonijiet edukattivi, kemm għall-kbar kif ukoll għaż-żgħar bi premju li jissejjaħ "Premju Markiża Bugeja". Għalkemm din l-aħħar sena ma tajniex il-Premju għax ma kienx hemm min jidħol għall-Kompetizzjoni.

Jorganizza wkoll konferenzi u dibattiti dwar l-ambjent, familja eċċ. kif wkoll imexxi librerija, mnejn kulħadd jista jissellef xi kotba jew ifittex xi nformazzjoni fuq Enċiklopedja moderna.

L-Istitut jorganizza wkoll Ħarġiet Reliġjużi, fosthom il-visti tas-seba' knejjes nhar il-Ġimgħa l-Kbira. Iżda din beda jorganiżżaha il-Kunsill Lokali wkoll, għalhekk qed nieħdu ħsieb norganiżżawha flimkien. Fil-Milied nżuru l-presepji.

L-Istitut jieħu sehem fil-Purċissjoni ta' San Pawl bl-istandard, kif ukoll jorganiżża quddiesa fuq il-Gżejjer ta' S.Pawl nhar il-fest ta' S.Pietru u S.Pawl (l-Imnarja).

Fuq talba tal-Kappillan l-Istitut Soċjo-Kulturali kien jieħu ħsieb li jorganiżża waħda mill-quddisiet tas-settena tad-Duluri flimkien ma Għaqdiet Soċjali oħra. Iżda din ukoll issa qed jorganiżżaha l-Kunsill Lokali. Fil-Ġimgħa ta' l-Għaqda tal-Knejjes, l-Istitut kemm il-darba ħa sehem f'servizz Ekumeniku.

L-Istitut Soċjo-Kulturali S.Pawl jieħu ħsieb jgħati Midalja ta' Mertu "Midalja San Pawl" lil dik il-persuna li tiġi vvutata li għamlet l-iżjed ġid reliġjuż jew soċjali lil San Pawl il-Baħar jew lil xi individwu. Din kienet tingħat kull sena iżda fil-preżent qed tingħata kull 3 snin.

Midalja "Honoris Causa" tingħata wkoll lil xi Pawlin li l-Istitut jidhirlu li jkun għamel ġid jew unu lil S.Pawl il-Baħar jew lil Malta.

L-Istitut kien ukoll jieħu ħsieb jiftaħ it-Torri kull nhar ta' Ħadd fil-għodu għat-turisti u

Maltin, biex jaraw oġġetti antiki fosthom għodod antiki tas-snajja li kienu jintużaw mill-bdiewa u s-sajjieda ta' S.Pawl il-Baħar.

Iżda dan l-aħħar "Din l-Art Ħelwa" ħaditu għal kollox taħt idejha u bidlitu fi proġett ta' mudelli ta' fortifikazzjonijiet li hawn madwar Malta. Pero, fuq talba ta' "Din l-Art Ħelwa" membri ta' l-Istitut sa jerġgħu jieħdu ħsieb jiftħu t-Torri nhar ta' Ħadd.

L-Istitut ġieli ħa ħsieb xi restawr ta' xi post storiku, bħal per eżempju meta kien ħa ħsieb ir-restawr ta' Għajn Rasul. Kellu ħsieb ukoll jirrestawra l-Istatwa ta' S.Pawl fuq il-Gżejjer, iżda tant kienet tinvolvi xogħol, speċjalment imħabba l-qsim tal-baħar, li kien impossibli li jindaħal għal dak ix-xogħol u spejjes, l-Istitut waħdu.

Fis-sajf l-Istitut jorganiżża l- "Ġimgħa San Pawl il-Baħar" fejn isiru attivatijiet edukattivi kif ukoll letterarji, sportivi u mużikali.

Irridu nżidu wkoll li l-Kunsill Lokali qed jagħmel xi attivitajiet milli kien jagħmel l-Istitut, speċjalment ħarġiet storiċi. Għalhekk fejn jista', l-Istitut Soċjo-Kulturali qed jingħaqad mal-kunsill biex jorganizzaw dawn l-attivatijiet storiċi flimkien.

Il-*policy* ta' l-Istitut Soċjo-Kulturali huwa li jkompli jorganizza dawn l-attivitajiet li semmejna biex kemm jista' jkun ,ulied San Pawl il-Baħar, jitgħallmu u jitħeġġu fil-fidi, fl-imħabba lejn xulxin u lejn dan il-post tan-Nawfraġju.

***Cettina Cassar - Segretarja***

## INNU LIL MARIJA

Is-sliem, Marija Omm Alla,
Għassiesa ta' kull bniedem,
Mid-dnub il-qlub issaffi
Ta' min jitolbok niedem.
Mis-sema lejna ħares
Kun int il-qawwa tagħna,
u fit taqbida ħarxa
mal-ħażen, ieqaf magħna!
'Tina s-serħan fin-niket,
Fil-mard ġibilna s-saħħa,
Fis-siegħa tal-mewt tagħna
Is-sejħa tagħna ismagħha.
Ġesu', int li f'ħin mewtek
'L Ommok tajthielna b'Ommna.
Isma t-talb tagħha għalina
W'għal dejjem miegħek żommna.

